**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Illum, 4 ta' Dicembru 2018**

**Avviz Nru. 8/18**

**Farstone Construction and Restoration Limited (C30589)**

**vs**

**Ian Abela Fitzpatrick**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz li permezz taghha is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimat ihallasha s-somma ta' erbatax-il elf mija tnejn u sebghin euro u hames centezmi (EUR 14,172.05) jew somma ohra verjuri rapprezentanti bilanc li ghadu dovut xogholijiet ta' kostruzzjoni mwettqa mis-socjeta' attrici, fuq struzzjonijiet ta' l-intimat u mill-intimat accettati, fuq razzett f' Hal-Qormi u dan skont l-'invoice' annessa u mmarkata bhala Dokument A, liema ammont l-intimat ghadu ma hallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex jaghmel dan.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Rat in-nota tas-socjeta' rikorrenti tas-6 ta' Novembru 2018 li permezz taghha rriduciet l-ammont pretiz minnha ghas-somma ta' ghaxart elef Ewro (EUR 10,000).

Rat in-nota ta' l-intimat tas-6 ta' Novembru 2018 li permezz taghha ddikjara li stante li ntlahqet transazzjoni mas-socjeta rikorrenti, huwa qed jammetti t-talba ridotta ta' ghaxart elef Ewro (EUR 10,000).

Rat il-ftehim ta' transazzjoni datat 6 ta' Novembru 2018 u ezebit f' dawn l-atti bhala Dok SF1 fejn il-partijiet ftehmu li:

1) Qed ihassru u jannullaw kwalsiasi ftehim li seta' sar qabel dan il-ftehim ta' transazzjoni;
2) Is-socjeta' rikorrenti ghandha tipprezenta nota ta' riduzzjoni fil-kawza odjerna li biha tirriduci t-talba ghal EUR 10,000 filwaqt li r-rikorrentighandu jipprezenta nota ta' ammissjoni ghall-ammont ta' EUR 10,000.
3) L-ispejjez ta' din il-kawza odjerna jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet mentri l-imghax fuq l-ammont ridott jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza moghtija.
4) Dan il-ftehim ghandu jigi ezebit fl-atti ta' din il-kawza odjerna.

**Decide**

Ghaldaqstant, in vista ta' din it-transazzjoni u peress illi l-partijiet talbu sentenza a tenur ta' l-istess transazzjoni, il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici hekk kif ridotta u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef Ewro (EUR 10,000) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv. A tenur ukoll ta' l-istess transazzjoni, l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Simone Grech**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**